MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 503/2013

**BANK OF VALLETTA p.l.c.** (C – 2833)

vs

Simone **BIANCHI** u Arthur Naudi Manche'

**Il-Qorti:**

Dan huwa Degriet mogħti skond l-artikolu 173 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara talba magħmula b'rikors minn John Naudi Manche`, missier l-intimati, b'rikors tiegħu tat-28 ta' Ġunju, 2013, biex jitħalla jidħol fil-kawża *in statu et terminis* sabiex jagħmel il-provi meħtieġa fir-rigward;

Illi l-Bank attur oppona għall-imsemmija talba b'Risposta mressqa minnu fl-10 ta' Lulju, 2013, u għar-raġunijiet hemmhekk imsemmijin;

Illi fil-każ partikolari ta' din il-kawża, l-imħarrkin qegħdin jiddefendu rwieħhom mit-talbiet attriċi billi jgħidu li l-fondi fil-kont bankarju miżmum mill-Bank attur huma, fis-sewwa, flus missierhom, il-persuna li talbet li titħalla tintervjeni fil-kawża;

Illi, fil-waqt li tressaq ir-rikors tiegħu, l-istadju tal-iskritturi preliminari kien ingħalaq[1];

Illi, minbarra dan, missier l-imħarrkin huwa wieħed mill-persuni li ssemma fil-lista ta' persuni li għandhom jittellgħu mill-istess imħarrkin biex jixhdu fil-kawża;

Illi fis-sistema proċedurali Malti, il-liġi tagħraf bejn dak li hu msejjaħ fil-kawża minn xi waħda mill-partijiet (intervent ko-att) u l-intervenut fil-kawża minn jeddu (intervent volontarju); filwaqt li tal-ewwel jitqies bħala parti fil-kawża għal kull fini u effett tal-liġi, tat-tieni, minkejja l-interess ġuridiku li jista' jkollu (u dan huwa sewwasew l-ingredjent waħdieni li jsejjes l-għażla tiegħu li jindaħal f'kawża li tkun miexja bejn terzi), ma jsir qatt parti[2], għalkemm is-sentenza li tingħata jkollha effett ta' ġudikat dwaru wkoll[3];

Illi din id-distinzjoni ilha żmien tiġi magħrufa mill-Qrati tagħna u jidher li din il-fehma baqgħet ma nbidlitx wisq maż-żmien[4];

Illi, skond l-imsemmija sentenzi, dan il-prinċipju jibqa' jgħodd ukoll fejn l-intervenut ikun tħalla jressaq atti waqt is-smigħ tal-kawża[5];

---

[1] Art. 154(2) tal-Kap 12
[2] App. Ċiv. **7.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Psaila vs Biggerstaff*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.358**)
[3] Ara App. Kumm. **17.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Ellul Sullivan noe vs Victor Abela noe et*** (mhix pubblikata)
[4] Ara P.A. **30.11.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe Axiaq vs Lapira*** (Kollez Vol: **XXV.ii.208**); P.A. **20.6.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Staines*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.116**); u App. Ċiv. **19.4.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Morana et*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.321**)
[5] Ara App. Ċiv. **8.5.1905** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Bonici vs Testaferrata Bonici noe et*** (Kollez. Vol: **XIX.i.90**)

Illi, minbarra dan, l-intervenut jidħol fil-kawża fil-qagħda jew l-istat li din tkun waslet fiha meta jindaħal u l-proċess ġudizzjarju ma jitreġġax 'lura minħabba d-dħul tiegħu fil-kawża. Minbarra dan, il-liġi nnifisha tipprovdi li persuna tista' tinda]al f'kawża li tkun għaddejja bejn partijiet oħrajn, imqar jekk dik il-kawża tkun diġa' telgħet fl-istadju tal-appell[6];

Illi, b'żieda ma' dan għandu jingħad ukoll li, bħal fil-każ tal-istitut tas-sejħa fil-kawża (li jaqa' taħt l-istess Titolu tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), l-istitut tal-intervent fil-kawża huwa maħsub biex, kemm jista' jkun, ikun hemm ġbir f'kawża waħda ta' l-interessati kollha possibbli bil-ħsieb li ma jfaqqsux iżjed kawżi dwar l-istess kwestjoni;

Illi ngħad ukoll li l-interess li huwa meħtieġ biex l-intervenut jitħalla jidħol f'kawża m'huwiex dak tal-imħarrek. Kemm hu hekk, minbarra li l-intervenut, kif ingħad, la jitqies li huwa parti fil-kawża bħalma wieħed iqis lill-attur jew lill-imħarrek, huwa għal kollox possibbli li min jindaħal jagħmel dan mhux biss fuq in-naħa tal-imħarrek imma wkoll fuq in-naħa ta' min fetaħ il-kawża. Din hija ħaġa li, fis-sejħa fil-kawża, ma ssirx għaliex min jissejjaħ fil-kawża b'mod ko-att (ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fejn dan isir fuq talba tal-attur) isir jixbah 'il-imħarrek;

Illi, għalhekk huwa prinċipju aċċettat li min jindaħal fil-kawża minn rajh, u mogħni bl-interess meħtieġ, ma jagħmilx dan bilfors fl-interess tal-imħarrek, imma fl-interess tiegħu, li jista' jkun jikkontrasta 'l dak tal-imħarrek[7];

Illi l-Qorti tistqarr li ħasbet ħafna dwar dan il-punt u qieset li żżomm bilanċ bejn l-interess li l-proċess jitmexxa bla xkiel, dak daqstant ewlieni li jingħata smigħ xieraq lil kull min għandu interess fi kwestjoni li tkun quddiemha, u l-ieħor li jimmira lejn l-integrita' tal-ġudizzju. Ħasbet ukoll dwar il-fatt li jekk kemm-il darba tintlaqa' t-talba tiegħu biex jitħalla jintervjeni fil-kawża dan ikunx ifisser li l-Qorti

[6] Ara App. Ċiv. **20.12.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Stivala*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.477**)
[7] Ara App. Kumm. **28.7.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Cardona*** (Kollez. Vol: **LXXI.i.329**)

qiegħda impliċitament taċċetta li huwa tabilħaqq sid il-fondi tal-kont bankarju mertu tal-każ;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li t-tħollija tal-intervent ma jippreġudikax il-fehma tagħha dwar il-pretensjoni tal-imħarrkin f'din il-kawża u lanqas ifisser li l-Qorti għandha tintrabat li tabilfors taċċettaha. Is-sottomissjonijiet tal-Bank attur f'dan ir-rigward huma f'posthom, imma ma jwaqqgħux l-element ta' interess li r-rikorrent John Naudi Manche' jista' għandu biex jintervjeni f'din il-kawża, minkejja li, kif diġa' ngħad, huwa msejjaħ ukoll bħala xhud u jista' b'dak il-mod jagħti l-verżjoni tiegħu wkoll dwar il-fatti u ċ-ċirkostanzi marbuta mal-imsemmi kont bankarju;

Illi l-indħil tar-rikorrent f'dan il-waqt tal-kawża se' jkun ċirkoskritt mill-fatt li l-istadju tal-proċeduri tal-iskritturi preliminari jinsab magħluq;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent John Naudi Manche' biex jitħalla jidħol fil-kawża *in statu et terminis*, u tordna li dan il-fatt ikun rifless fl-atti tal-kawża.

Mogħti kameralment illum, 12 ta' Settembru, 2013.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------